MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 1/2009

**Dr Joseph Cachia Fearne**

***Versus***

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u għall-Affarijiet Rurali u l-Avukat Ġenerali**

1. F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob rimedju għax igħid illi nkisru l-jeddijiet tiegħu għal rimedju effettiv, għal smigħ xieraq, għal ħarsien minn diskriminazzjoni u għal libertà ta' espressjoni mħarsa taħt l-artt. 13, 6, 14 u 10 rispettivament tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]. Għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti "tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq" ta' dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi, fosthom billi tħassar is-sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru 2005 u mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Lulju 2008 fil-kawża fl-

ismijiet Dr Joseph Cachia Fearne *versus* Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura *et* (ċitazzjoni numru 106/2003) u tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq u mgħax.

2. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. ir-rikors huwa frivolu u vessatorju għax mhux għajr appell mis-sentenza fil-kawża numru 106/2003 msemmija fl-istess rikors;

ii. il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' l-każ billi l-meritu huwa dwar ħatra fis-servizz pubbliku li dwaru għandha kompetenza esklużiva l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku – li d-deċiżjoni tagħha, taħt l-art. 115 tal-Kostituzzjoni, ma tistax tiġi mistħarrġa mill-qrati – u ma jqanqal ebda kwistjoni dwar jeddijiet fondamentali; u

iii. fil-meritu, ma kien hemm ebda ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-attur.

3. Il-fatti, safejn huma relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum, seħħew hekk: L-attur kien impjegat fis-servizz pubbliku u, wara sejħa interna għal applikazzjonijiet għall-ħatra ta' *Information Management Officer* fil-Ministeru tal-Ambjent (illum magħruf bħala Ministeru għar-Riżorsi u għall-Affarijiet Rurali), l-attur applika għal din il-ħatra u b'ittra tat-18 ta' Diċembru 2001 is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim'Ministru għarrfu illi, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Prim'Ministru kien approva illi hu jingħata dik il-ħatra b'seħħ għal tliet snin minn dakinhar. Mal-ittra kien hemm abbozz ta' kuntratt għall-firma tal-attur billi fost il-kondizzjonijiet tas-sejħa għal applikazzjonijiet kien hemm dik illi "*selected candidates will be expected initially to enter into a three-year contract*".

4. L-attur ma iffirmax il-kuntratt, għalkemm kemm-il darba kien mitlub jiffirma, għax ried illi jinbidlu xi kondizzjonijiet. Madankollu, xorta beda jagħmel ix-xogħol ta' *Information Management Officer* u beda jitqies hekk għalkemm, billi formalment, minħabba n-nuqqas tal-kuntratt, kien għadu ma ngħatax il-ħatra, baqa' jitħallas b'istess skala tal-pożizzjoni li kellu qabel.

5. Matul iż-żmien li l-attur kien jaqdi d-dmirijiet ta' *Information Management Officer* inqala' diżgwid bejnu u s-superjuri tiegħu dwar il-mod kif kien qiegħed jaqdi dawk

id-dmirijiet u dan wassal biex fil-5 ta' Settembru 2002 is-Segretarju Permanenti konvenut talab lill-Prim'Ministru biex jinħatar ħaddieħor flok l-attur. Eventwalment, b'ittra tal-11 ta' Ottubru 2002 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għarrfet lis-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim'Ministru illi:

«The Commission considers that, once Dr Cachia Fearne has failed to sign the formal three-year contract that was an integral part of his appointment, this appointment cannot be considered to have come into effect. In the circumstances, the Commission does not consider that the terminatian af this appointment is necessary.»

6. Imbagħad, b'ittra tat-22 ta' Ottubru 2002 l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru għarraf lill-attur illi "*since you have repeatedly refused to sign your contract as Information Management Officer, you are considered as having refused the said appointment*".

7. B'ittra tat-28 ta' Ottubru 2002 lill-Uffiċċju tal-Prim'Ministru l-attur bagħat kopja tal-kuntratt b'tibdiliet magħmula minnu u iffirmat minnu. Dawn it-tibdiliet ma ġewx aċċettati u s-Segretarju Permanenti konvenut b'ittra tal-20 ta' Jannar 2003 ordna lill-konvenut biex imur lura għad-dmirijiet li kellu qabel ma beda jaqdi dawk ta' *Information Management Officer*. L-attur wieġeb fil-21 ta' Jannar 2003 li kien sejjer jobdi din l-ordni "*without prejudice to my claim for full remuneration (and damages) in terms of my appointment dated 18 December 2001, for the full three year duration, which claim I intend to pursue in the near future*".

8. Billi l-attur kien bagħat ukoll kopja tal-ittra tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2002 lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din b'ittra tat-30 ta' Jannar 2003 lill-Prim'Ministru qalet hekk:

«The question … … … whether Dr Joseph Cachia Fearne had been offered and had declined to sign the performance agreement is not clear to the Commission.

«It is also not clear to the Commission whether the request for the termination of the appointment of Dr Cachia Fearne was motivated by his refusal to sign the agreement contract presented to him or by the fact that he was considered unsuitable for the post.

«The Commission is of the view that if Dr Cachia Fearne has actually performed the duties of Information Management Officer since his appointment on 7th November 2001 and, considering that he has now signed the performance contract, the appointment and performance agreement should be considered as having come into effect and any action for the termination of the agreement should be taken in accordance with the terms of that agreement.»

9. Wara li ġiet iċċarata l-kwistjoni tal-firma tal-kuntratt u ta' kif kien jaqdi dmirijietu l-attur, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-10 ta' Ottubru 2003 tat id-deċiżjoni finali tagħha li tgħid hekk:

«The Commission … … … agrees that Dr Cachia Fearne does not possess the qualities to assume the functions relating to the position of Information Management Officer.

«The Commission also agrees that Dr Cachia Fearne's contract cannot be deemed to have been formalised.»

10. Fil-31 ta' Jannar 2003 l-attur fetaħ kawża kontra l-istess konvenut tallum u effettivament talab illi l-qorti (1) tgħid illi tassew inħatar *Information Management Officer*, (2) tgħid illi ir-rifjut tal-konvenut illi jiffirma l-kuntratt (preżumibilment kif mibdul mill-attur) kien "illegali u abużiv", u (3) tordna illi jitħallas, bħala danni, ta' dak kollu li kien jieħu matul it-tliet snin tal-ħatra.

11. Fit-3 ta' Ottubru 2003 issejjaħ fil-kawża l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru u dan ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi m'huwiex il-kontradittur leġittimu f'kawża dwar ħatra fis-servizz pubbliku għax, taħt l-art. 110 tal-Kostituzzjoni, dik il-ħatra tista' tinghata u titneħħa biss mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u, fil-każ tal-attur, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma tatx dik il-ħatra. B'sentenza tal-20 ta' Ottubru 2005 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqghet din l-eccezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-attur. L-attur appella minn din id-deċiżjoni iżda l-appell ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-14 ta' Lulju 2008.

12. Għandu jingħad illi, fir-rikors u fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, l-attur semma ħafna aktar fatti illi ma ssemmewx hawn fuq billi, fil-fehma tal-qorti, huma irrelevanti u jservu biss biex joħolqu duħħan u jikkomplikaw għal xejn il-meritu tal-kawża li, għall-kuntrarju, huwa x'aktarx sempliċi.

13. L-ilmenti tal-attur effettivament huma dawn:

**Dwar jekk l-attur ġiex imċaħħad minn rimedju effettiv – art. 13 tal-Konvenzjoni**

14. L-attur qiegħed igħid illi ma ngħatax rimedju effettiv. Qiegħed igħid hekk għax, fil-fehma tiegħu, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li ġiet imwettqa mill-Qorti tal-Appell, sabet illi l-konvenuti fil-kawża ma setgħux iwieġbu għat-talbiet tal-attur billi l-materja kienet ta' kompetenza tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dik il-kommissjoni, iżda, igħid l-attur, ma għamlitx rakkomandazzjoni għat-tkeċċija tiegħu għax dik id-deċiżjoni ittieħdet – abużivament, igħid l-attur – mill-konvenut. Igħid ukoll illi t-tkeċċija ma saritx minn persuna regolarment delegata mill-Prim'Ministru iżda saret – abużivament, dejjem – mis-Segretarju Permanenti.

15. Dan l-argument huwa fieragħ għall-aħħar. L-attur ma ngħatax rimedju mhux għax ġie abużivament imċaħħad minnu iżda għax, fuq il-fatti tal-każ, instab li ma kienx jistħoqqlu. Li jidher li ma jridx jifhem l-attur hija illi d-deċiżjoni ma kinitx illi hu jitkeċċa mill-ħatra iżda li jitqies li qatt ma kellu dik il-ħatra billi ma qagħadx għall-kondizzjoni – li jiffirma l-kuntratt – meħtieġa biex jingħata dik il-ħatra. Ladarba t-talba tiegħu għal dikjarazzjoni li effettivament ingħata l-ħatra ġiet miċħuda – u dawn il-proċeduri tallum ma humiex appell minn dik id-deċiżjoni – kelha bilfors tiġi miċħuda wkoll it-talba għall-ħlas.

16. Jekk dan jista' jitqies ċaħda ta' rimedju effettiv, kif irid jgħid l-attur, mela kull min jiftaħ kawża u jitlifha qiegħed jinkisirlu jedd fondamentali, li hu assurd.

**Dwar jekk l-attur ingħatax smigħ xieraq – art. 6 tal-Konvenzjoni**

17. It-tieni lment tal-attur huwa illi ma ngħatax smigħ xieraq għax f'seduta minnhom – dik tat-3 ta' Frar 2005 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – sar smigħ fl-assenza tal-avukat tiegħu li kien indispost. Minħabba f'hekk ma nstemax xhud li ried iressaq l-attur.

18. Dan l-ilment kien ikollu xi meritu li kieku l-kawża nstemgħet u nqatgħet fit-3 ta' Frar 2005. Fit-3 ta' Frar 2005, iżda, il-kawża tħalliet għat-2 ta' Ġunju 2005 għax ġie verbalizzat illi "f'dan l-istadju, l-qorti trid tisma' lill-partijiet dwar il-punt sollevat mill-konvenut, u *cioè* jekk għadx hemm lok li titkompla din il-kawża, u dwar l-effetti

tagħha, fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-10 ta' Ottubru 2003 u dan peress li d-deċiżjoni ta' din il-Kummissjoni m'hijiex u ma tistax tiġi attakkata f'dawn il-proċeduri". Ma kien hemm xejn li jżomm lill-attur milli jtenni t-talba tiegħu biex jinstemgħu x-xhieda relevanti għall-punt li dwaru riedet tisma' l-qorti.

19. L-ilment imbagħad illi l-qorti f'dik il-kawża qieset bħala "fatti" dawk li l-attur iqishom bħala "allegazzjonijiet" tal-parti l-oħra huwa għal kollox irrelevanti għax huwa fis-setgħa tal-qorti u dmir tagħha li tagħżel liema temmen minn verżjonijiet ta' fatti li ma jaqblux, u l-parti li ma titwemminx ma tistax tilmenta minħabba f'hekk li ma ngħatatx smigħ xieraq.

20. Dan l-ilment, bħal ta' qablu, huwa fieragħ.

**Dwar jekk saritx diskriminazzjoni kontra l-attur – art. 14 tal-Konvenzjoni**

21. L-attur qiegħed jilmenta wkoll li saret diskriminazzjoni kontra tiegħu għax ċertu Paul Mifsud, li, milli jidher, ukoll ma iffirmax kuntratt meħtieġ għall-ħatra, ma tqiesx minkejja dan illi irrifjuta l-ħatra, bħal ma tqies li irrifjutaha l-attur.

22. Għandu jingħad qabel xejn illi l-art. 14 tal-Konvenzjoni jħares kontra diskriminazzjoni fit-tgawidja ta' xi jedd imħares taħt il-Konvenzjoni, u taħt il-Konvenzjoni ma hemm ebda jedd li xi ħadd ma jitqiesx li ma aċċettax ħatra. Barra minn hekk, ma ntweriex illi ċ-ċirkostanzi tal-każ ta' dan Paul Mifsud kienu jixbhu dawk tal-każ tal-attur. Ma ntweriex, per eżempju, illi dan Paul Mifsud tqies mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku illi huwa "*does not possess the qualities to assume the functions relating to the position*".

23. Dan l-ilment, bħat-tnejn ta' qablu, huwa fieragħ.

**Dwar jekk l-attur ġiex imċaħħad mil-libertà tal-espressjoni – art. 10 tal-Konvenzjoni**

24. L-aħħar ilment tal-attur huwa li ġie mċaħħad mil-libertà tal-espressjoni. Qiegħed igħid hekk għax fil-qadi ta' dmirijietu – li kienu, fost oħrajn, li jeżamina u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kuntratti kummerċjali – kien għamel xi kummenti u xi osservazzjonijiet li ma ntgħoġbux. Igħid illi minħabba f'hekk tkeċċa – ikompli jinsisti li jgħid li "tkeċċa" flok li qatt ma nħatar formalment u

regolarment – u b'hekk ġie mċaħħad mill-jedd li jkompli jagħmel dawk il-kummenti u osservazzjonijiet.

25. Li ġara iżda, kif rajna u kif ġie deċiż mill-awtorità kompetenti biex tieħu dik id-deċiżjoni, hu illi l-attur ma tħalliex ikompli fil-ħatra tiegħu mhux għax tkeċċa iżda għax ma riedx jiffirma l-kuntratt jekk mhux bil-kondizzjonijiet li ried hu. Fiż-żmien li dam jaqdi d-dmirijiet ta' *Information Management Officer* il-kummenti u l-osservazzjonijiet li deherlu li kellu jagħmel għamilhom, u ma ġie mċaħħad minn ebda jedd ta' espressjoni ħielsa.

26. Dan l-ilment, bħall-oħrajn ta' qablu, huwa fieragħ.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talbiet tal-attur billi ma ssib li nkiser ebda jedd tiegħu imħares taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi msemmija minnu. Billi wkoll hija tal-fehma illi r-rikors tal-attur kien abbuż tal-proċess ġudizzjarju, li ħela l-ħin tal-qorti li seta' jingħata lil każijiet aktar meritevoli, tqis it-talbiet tal-attur bħala sempliċement frivoli u vessatorji għall-għanijiet tal-art. 4(5) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja [Kap. 319] u, tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------